MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2003

Talba Numru. 2526/2002

**G. Molton Co. Limited**

**vs**

**Anthony Desira**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Ottubru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mija u sebgha u sittin lira Maltija u disgha u hamsin centezmu (Lm167.59), dovuta (a) kwantu ghal sitta u ghoxrin lira u tmien centezmi (Lm26.08) skond fattura numru 013794 datata 3 ta' Lulju, 2001, (b) kwantu ghal hames liri u tmienja u disghin centezmu (Lm5.98) skond fattura numru 013795 datata wkoll 3 ta' Lulju, 2001, kwantu ghal sbatax-il lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm17.52) skond fattura numru 013824 datata 5 ta' Lulju, 2001, (d) kwantu ghal tmintax-il lira Maltija u sebgha u sittin centezmu (Lm18.67) skond**

**fattura numru 013923 datata 16 ta' Lulju, 2001, (e) kwantu ghal wiehed u tmenin lira Maltija u erbgha u hamsin centezmu (Lm81.54) skond fattura numru 013930 datata 17 ta' Lulju, 2001, u (f) kwantu ghal sbatax-il lira u tmenin centezmu (Lm17.80) skond fattura numru 013976 datata 20 ta' Lulju, 2001, u dan kollu in konnessjoni ma' u rapprezentanti prezz ta' bejgh ta' merkanzija lill-konvenut, ghal liema bejgh is-socjeta' attrici ghad mhux imhallsa, dan kollu skond kif jidher minn kopji ta' prospett u fatturi relattivi Dok.A sa Dok.G rispettivament;**

**Bl-ispejjez tal-prezenti u ta' l-ittra interpellatorja datata 14 ta' Awissu, 2002 (Dok.H), u bl-imghax mid-data ta' hrug tal-fatturi rispettivi sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Luigi Sansone ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u sebgha u sittin lira Maltija u disgha u hamsin centezmu (Lm167.59), bl-imghaxijiet legali mill-20 ta' Lulju, 2001 sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 14 ta' Awissu, 2002, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------